**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**Ghawdex**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 2599/2022/2 JVC**
**Wara sentenza tal-Qorti tal-Magistati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**
**datata 28 ta' April, 2023**

**Daniela Nancy Sacco**
**(ID 245891 (M))**

**vs.**

**Catherine Sammut (ID 672744 (M))**

**Illum 16 ta' Frar, 2024**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri datata 28 ta' April, 2023 fejn gie deciz kif isegwi:

'Għaldaqstant in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha hawn magħmula l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenta in toto, bl-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jkunu a karigu tar-rikorrenta.'

2. Illi s-sentenza appellata nghatat wara li l-appellanti Catherine Azzopardi ntavolat rikors kontra l-appellata Daniela Nancy Sacco konsegwenti ghal ittra ufficcjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet Daniela Nancy Sacco vs. Catherine Sammut. Fir-rikors taghha Catherine Sammut issosnti li hija ma wegbitx ghall-ittra u din giet reza ezekuttiva. Konsegwentement inhareg mandat ta' sekwestru fil-konfront taghha bin-numru 328/2023 abbazi tal-istess ittra ufficcjali u l-istess Catherine Sammut giet notifikata bih nhar it-23 ta' Frar, 2023. Fit-termini tal-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 hija ntavolat rikors sabiex jigi dikjarat li l-ittra ufficcjali *de quo* hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu ma tissodisfax ir-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* mill-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex issostni li mill-avviz rikjest ad validitatem mill-artikolu 166 A (3) hemm neqsin fl-ittra l-kliem '**tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali**,'.

Izzid illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mhux wiehed cert, likwidu u dovut stante li ma tistax tifhem kif Daniela Nancy Sacco waslet ghas-somma ta' €4,466 pretiza. Talbet ghalhekk li l-Qorti tiddikjara l-ittra ufficcjali *de quo* bin-numru 2599/2022 nulla u bla effett fil-ligi u tirrevoka l-istess u konsegwentement tiddikjara null u bla effett fil-ligi u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 328/2023.

3. Fir-risposta taghha ghar-rikors promotorju l-intimata appellata rrispondiet, in succint, illi ma jikkonkorru ebda wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 166 A (5) tal-Kapitolu 12 sabiex jimmerita li jigi milqugh ir-rikors ghar-revoka tat-titolu ezekuttiv *de quo* u l-mandat ta' sekwestru numru 382/2022 w'ghalhekk talbet li t-talbiet tar-rikorrenti appellanti odjerna jigu michuda.

4. Rat illi r-rikorrenti Catherine Sammut appellat mid-decizjoni u ressqet principalment u in succint zewg aggravji. L-ewwel aggravju jsostni li l-Ewwel Qorti ghamlet zball meta kkunsidrat illi l-Avviz Legali 278 tas-sena 2005 kellu jigi kkunsidrat bhala *lex specialis* li ghandu jkollu l-precedenza fuq il-*lex generalis* f'dan il-kaz l-artikolu 166A tal-Kap. 12 li jaghmel car l-avviz li ghandu jitnizzel f'ittra ufficcjali ezekuttiva fit-termini tal-istess artikolu u cioe' li din ghandu jkollha wkoll inkluz fl-avviz il-kliem **tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avuakt jew Prokuratur Legali**,'. It-tieni aggravju jsostni li l-ammont pretiz mhux minnu li huwa dejn cert, likwidu u li ghalaq kif jimponi l-artikolu 166A w'ghalhekk anki minn dan il-lat l-ittra ufficcjali *de quo* ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett. L-appellanti ssostni li l-appellata pprezentat biss stima tax-xoghlijiet w'ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-ammont huwa cert, likwidu u dovut b'dana li l-element tal-artikolu 166A m'humeix sodisfatti. L-appellanti talbet ghalhekk li din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tal-appellanti fl-intier taghhom bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

5. Rat illi l-appellata wiegbet ghall-appell billi sostniet li d-decizjoni appellata ghandha mis-sewwa u li ghalhekk ghandha tigi konfermata in toto. Issostni li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ampja ghall-artikolu 166A Kap. 12 u mhux kif tesponi l-appellanti u taghmel referenza ampja ghad-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar dan. Izzid li l-kliem uzat fl-ittra ufficcjali *de quo* mkien ma jindika li d-debitrici ma setghetx tikkontesta l-ittra hi stess u taghmel referenza ghall-gurisprudenza li skontha tipprova dan il-punt. Dwar it-tieni aggravju ssostni li l-ligi ma titlobx li l-ittra ufficjali tigi prezentat b'hafna dettal izda biss li jkun car bizzejjed il-kreditu pretiz sabiex id-debitur jkun f'posizzjoni jifhem il-kreditu fhiex jikkonsisti w sabiex ikun jista' jiddefendi ruhu. Izzid illi fil-kaz odjern l-intimata appellata annettiet

mal-ittra ufficcjali kwotazzjoni li kienet anki giet diskussa mar-rikorrenti qabel ma giet intavolata l-ittra ufficcjali ezekuttiva. L-appellata zzid li n-nuqqas tal-appellanti li tirrispondi ghall-ittra ma kienx minhabba xi nuqqas fil-forma tal-ittra izda ghaliex dehrilha li l-ammont ma kienx dovut minnha w'allura ma rrispondietx izda x'hin irceviet is-sekwestru ezekuttiv indunat bl-import tal-ittra ufficcjali ezekuttiva w'ghalhekk intavolat ir-rikors promotur odjern li izda jattakka l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet u mhux verament il-forma u dan ma tistax legalment taghmlu. L-intimata appellata ghalhekk titlob li din il-Qorti tichad l-aggravji tal-appellanti.

6. Rat li fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2023 l-partijiet strahu fuq l-atti tal-appell u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni. Rat l-atti tal-ewwel Qorti kif ukoll l-atti kollha tal-appell odjern.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi l-Qorti rat li l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha kif isegwi:

'Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 2 ta' Novembru 2022, l-intimata Daniela Nancy Sacco talbet lir-rikorrenta Catherine Sammut sabiex tħallas l-ammont ta' erbat elef, sitt mija u erbgħa u erbgħin ewro (€ 4,644) rappreżentanti ħsarat irrimedjabbli li l-intimata tgħid li sofriet fil-kċina u fl-*appliances* ta' l-istess kċina li tinsab fl-appartament li jiġi soprapost għal dak tar-rikorrenta. Din l-azzjoni saret mill-intimata skond l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi in segwitu tal-istess ittra uffiċjali ma saret l-ebda risposta u sussegwentement l-intimata talbet u kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv għal ammont imsemmi.

Il-mandat eżekuttiv ġie notifikat lir-rikorrenta fit-23 ta' Frar, 2023 u riżultat ta' din in-notifika ir-rikorrenta ai termini ta' l-Artikolu 166A(5)

ippreżentat ir-rikors tal-lum permezz ta' liema qed tattakka l-ittra uffiċjali u tinsisti li din hija nulla u mingħajr effett billi ma tissodisfax ir-rekwiżiti *ad validitatem* tas-sub inċiż (3) ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minbarra f'hekk tgħid ukoll li fi kwalunkwe każ l-ammont ma hux ċert likwidu u dovut u li tali danni qed jiġu kontestati.

Għalhekk hija titlob li din il-Qorti tiddikjara l-ittra uffiċjali bin-numru 2599/2022 maħruġa a tenur ta' l-Artikolu 166A bħala nulla u għalhekk tirrevokaha. Titlob ukoll li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv jiġi dikjarat null ukoll.

Rat ir-risposta ta' Daniela Nancy Sacco ta' l-24 ta' Marzu, 2023.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu, 2023.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti fliet l-ittra uffiċjali maħruġa fil-konfront tar-rikorrenta. Rat ukoll il-kopja tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 328/2023.

Minn qari ta' l-Artikolu 166A(5) titolu eżekuttiv bħal dawk in kwistjoni jista' jigi ddikjarat null jekk:

(i) issir talba permezz ta' rikors;

(ii) fi żmien 20 ġurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' mandat eżekuttiv jew att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq it-titolu eżekuttiv u

(iii) l-ittra ufficcjali ma jkunx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1) (2) jew (3) tas-suċċitat Artikolu 166A u cjoe` għadd ta' formalitajiet bħat-twissija lill-intimati bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' oppożizzjoni fit-terminu stabbilit, u l-użu tal-forma tal-ittra ufficcjali kif preskritta, u l-ammont ta' kreditu li jkun permess li jintalab permezz ta' din il-proċedura.

Ebda raġuni oħra ma tista' tingħata għall-oppożizzjoni tat-titolu eżekuttiv (Art. 166A(6)).

Ir-rikorrenta targumenta li l-ittra uffiċjali preżentata fil-konfront tagħha ma tissodisfax il-formalitajiet imposti mill-liġi u għalhekk hija nulla u dunque tali nullita iġġib ukoll in-nullita tal-mandat ta' sekwestru billi dan inħareġ a forza ta' dik l-istess ittra uffiċjali. L-abbli difensur tar-rikorrenta waqt it-trattazzjoni tiegħu ikkowota is-subinċiż (3) ta' l-Artikolu 166A, li jipprovdi li
*"(3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:"*

Ir-rikorrenta tinsisti li ġia la darba l-ittra ma kienx fiha dak impost mill-liġi allura għandha tiġi ddikjarata nulla.

Il-Qorti iżda fliet ukoll is-sub inċiż (2) li jipprovdi li :
*(2) Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali, illi għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħali jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata lid-debitur fejn għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.."*

Minghajr ebda dubju dak ipprovdut fis-sub inċiż 3 irid isegwi dak ipprovdut fis-sub inċiż 2 – tant li l-leġislatur jipprovdi li "l-ittra uffiċjali għandu ***wkoll***[1] ikun fiha ....."

[1] Enfasi mizjuda

Minn qari tas-sub inċiż 2 jirriżulta wkoll li l-forma ta' l-ittra uffiċjali trid tkun kif stabbilit fl-avviż Legali. Il-Qorti fliet l-avviż legali 278 ta' l-2005 li huma regolamenti dwar dwar il-Forma ta' l-Ittra Uffiċjali għall-finijiet ta' l-artikolu 166A(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Skond dawn ir-regolamenti kull ittra uffiċjali li tiġi ppreżentata ai termini ta' l-artikolu 166A, għandu jkun hemm fiha stampati b'ittri ċari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti, dan il-kliem li gej :-

"**Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali.".**

Il-Qorti tqis li l-Avviż Legali huwa il-*lex specialis* u dan joħroġ ċar ukoll mid-diċitura ta' l-Artikolu 166A (2). Meta l-Qorti qabblet l-avviż preskritt fl-avviż legali 278 ta' l-2005 ma l-avviż li jiġi eżatt taħt l-intestatura tal-Qorti fl-ittra uffiċjali attakkata, irriżulta li l-kliem użat huwa *verbatim* ta' dak ipprovdut mill-liġi. Mhux hekk biss iżda fil-każ tal-lum il-Qorti tosserva li l-ittra uffiċjali minbarra li kien fiha t-twissija kif trid il-liġi, kien fiha wkoll twissija ulterjuri u għalhekk l-argumenti sollevati mir-rikorrenta ma jreġġux.

Il-Qorti tqis ukoll li l-proċedura tal-Artikolu 166A hija waħda straordinarja, għar-raġuni li pretensjoni ta' parti tinbidel f'titolu eżekuttiv u dan mingħajr il-ħtieġa li ssir kawża, kemm-il darba l-parti li kontriha tkun inħarġet l-ittra uffiċjali ma tirreġistrax oppożizzjoni fi żmien tletin jum.

Dan ifisser illi jekk il-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ittra uffiċjali għal xi raġuni ma tirreġistrax id-debita oppożizzjoni din tispiċċa ma jkollha l-ebda difiża kontra l-pretensjoni ta' min ikun ħareġ l-ittra, kif lanqas ma jkollha l-ebda garanzija ġudizzjarja li solitament titqanqal fil-proċediment ta' kawża. Għal dawn ir-raġunijiet proċedura taħt l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 Liġijiet ta' Malta hija tassew proċedura drakonjana billi hija proċediment mingħajr proċess ġudizzjarju.

Madankollu irid jiġi apprezzat illi *dura lex, sed lex* u l-Qorti għandha jdejha marbutin biha.

Għaldaqstant in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha hawn magħmula l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenta in toto, bl-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jkunu a karigu tar-rikorrenta.'

8. Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti jsostni in succint li l-Ewwel Qorti ghamlet zball meta kkunsidrat illi l-Avviz Legali 278 tas-sena 2005 kellu jigi kkunsidrat bhala *lex specialis* li ghandu jkollu l-precedenza fuq il-*lex generalis* f'dan il-kaz l-artikolu 166A tal-Kap. 12 li jaghmel car l-avviz li ghandu jitnizzel f'ittra ufficcjali ezekuttiva fit-termini tal-istess artikolu u cioe' li din ghandu jkollu wkoll inkluz fl-avviz il-kliem **'tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avuakt jew Prokuratur Legali**,'.

Illi din il-Qorti tqis li ma hemmx dubju li l-artikolu 166 A (3) jirrikjedi li jitnizzlu l-kliem indikati. Minn harsa lejn l-ittra ufficcjali *de quo* jirrizulta li l-uniku kliem li ma tnizzilx kien li n-nota ma kienx hemm il-bzonn li tkun iffirmata minn Avukat jew Prokuratur Legali u li tista' tkun iffirmata mid-debitur stess. *Prima facie* ghalhekk jidher li parti mill-avviz huwa nieqes fl-ittra odjerna. Huwa minnu wkoll izda li fl-avviz kif miktub fl-ittra *de quo* mhux eskluz li n-nota tista' tigi ntavolata mill-istess debitur minghajr il-bzonn ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali. Din il-Qorti rat li l-ewwel Qorti ggustifikat id-decizjoni taghha fit-termini tal-Avviz Legali 278 tas-sena 2005 ghaliex tghid li dan l-Avviz ma jnizzilx tali rekwizit u li ghalhekk l-Avviz ghandu jiprevali fuq is-sub-artikou (3) tal-artikolu 166 A stante li s-sub-artikolu (2) jirreferi, ghal dik li hija forma tal-ittra ufficcjali ezekuttiva, ghall-istess Avviz Legali fejn dan tal-ahhar allura ghandu jipprevali.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjoni tal-Qorti tal-Appell ikkwotata wkoll mill-appellata fl-ismijiet **Melita Limited vs. Jody Pisani** deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2021 (Appell Inferjuri Numru 214/2018) fejn fuq fatti simili inghad kif isegwi:

'Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

13. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet orali li saru mill-avukati difensuri tal-partijiet. L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha kkonkludiet li minkejja li l-ittra uffiċjali saret a tenur tal-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12, bl-intiża li s-soċjetà appellanta tikseb titolu eżekuttiv fil-konfront tal-appellat, il-formalità rikjesta fl-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 baqgħet ma ġietx segwita u għalhekk l-ittra uffiċjali għandha titqies li hija nulla. In suċċint, l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 jgħid li l-ittra uffiċjali għandu jkun fiha, taħt piena ta' nullità, intimazzjoni liddebitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali, billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, fejn jopponi għat-talba, liema nota tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali, dik littra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Dak li huwa importanti għall-fini tal-osservanza ta' dan id-dispost tal-liġi għalhekk huwa li d-debitur jiġi avżat li għandu terminu ta' tletin jum li fih jista' jopponi għat-talba tal-kreditur li jkun bagħatlu l-ittra uffiċjali. Dak li ġie mniżżel fl-ittra uffiċjali li ntbagħtet lill-appellat huwa replika tat-test preċiż tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22, li jgħid li "[d]in l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12 u jekk ma tweġibx fi żmien tletin jum din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."

14. L-ewwel Qorti qieset li ladarba l-ittra ma tirreplikax it-test preċiż użat fl-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12, l-ittra uffiċjali inkwistjoni għandha titqies li hija nulla. Is-soċjetà appellanta ressqet appell minn din is-sentenza fejn sostniet illi f'dan il-każ min irċieva l-ittra, kellu l-

informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jifhem il-kontenut tal-ittra u sabiex jifhem x'azzjoni kellu jieħu sabiex jikkontesta l-kontenut tal-ittra jew parti minnha. Is-soċjetà appellanta qalet li minn qari tal-ittra uffiċjali għandu jirriżulta li d-debitur kien avżat kemm dwar ir-rimedji li kellu biex jikkontesta l-ittra, kif ukoll dwar il-konsegwenzi tagħha, fin-nuqqas ta' oppożizzjoni da parti tad-debitur. Qalet li fl-ittra uffiċjali tagħha hija infurmat lid-debitur dwar in-natura tad-dejn, dwar ir-rimedji disponibbli biex jikkontesta l-ittra u dwar il-konsegwenzi f'każ li din ma tiġix ikkontestata. Qalet li r-riferiment biex jiġi kkuntattjat avukat jew prokuratur legali f'każijiet bħal dawn, isir sabiex min jirċievi l-ittra jifhem is-serjetà tal-kwistjoni, u l-prinċipju regolatorju għandu jkun li kemm jista' jkun l-atti għandhom jiġu salvati u mhux annullati minħabba formaliżmu żejjed. Qalet li f'dan il-każ ma kien ser jiġi arrekat l-ebda preġudizzju jew ksur ta' xi prinċipju ta' ġustizzja naturali jew proċedurali, li kieku l-ewwel Qorti aċċettat li l-ittra uffiċjali mibgħuta lill-appellat mhijiex nulla.

15. Il-Qorti tqis li taħt l-intestatura tal-Qorti, is-soċjetà appellanta niżżlet dak li jgħid it-tieni regolament tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22, li jħeġġeġ lil min jirċievi l-ittra uffiċjali sabiex ikellem avukat jew prokuratur legali sabiex ikun jista' jopponi l-ittra uffiċjali. Fl-istess ittra uffiċjali ġie indikat ukoll li fin-nuqqas ta' risposta permezz ta' nota fl-atti tal-ittra uffiċjali entro t-terminu ta' tletin ġurnata, il-mittenti kienet ser tipproċedi bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi. Din il-Qorti tqis li l-ittra uffiċjali li ntbagħtet lill-appellat ma kien fiha xejn anqas minn dak li jistipula l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12, bl-unika differenza notevoli tkun li filwaqt li l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 jgħid li nnota respintiva tista' tiġi ffirmata u ppreżentata mid-debitur stess, ir-regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22 jgħid li hu fl-interess ta' min jirċievi l-ittra li jkellem avukat jew prokuratur legali. Il più comprende il meno, u f'dan il-każ it-test tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jitlob għal formalità oħra meta wieħed jiġi biex jikkontesta ittra uffiċjali bħal din, jiġifieri dik li wieħed ikellem avukat jew prokuratur legali sabiex jassistih fid-difiża tiegħu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-aktar punt kardinali f'dan kollu huwa jekk l-appellat ġiex preġudikat bil-formalità użata fl-ittra uffiċjali jew le. Ir-raġuni għalfejn l-appellat naqas milli jirrispondi għal din l-ittra uffiċjali ma jirriżultax li kienet

minħabba xi difett fil-forma tagħha, iżda minħabba l-argument tiegħu li huwa ma ġiex notifikat kif suppost u ħalla t-tletin jum jgħaddu mingħajr ma ressaq ebda risposta. Il-Qorti tagħmel riferiment għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Guillaumier Industries Ltd vs. Reginald Fava et mogħtija fit-28 ta' Ottubru, 1998, fejn ingħad: "Illi biex ċitazzjoni tiġi mwaqqfa jrid ikun hemm raġuni gravi, u fost kollox, għandu jiġi eżaminat jekk iċ-ċitazzjoni tkunx defiċjenti jew żbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jiġi preġudikat fid-difiża tiegħu u sabiex dan isir tali ċitazzjoni għandha tiġi eżaminata fit-totalità tagħha."

17. Il-Qorti tal-Appell, f'sentenza mogħtija fit-12 ta' Mejju, 1998, fl-ismijiet Michael Attard noe vs. Raymond Galea, spjegat illi: "... bħala regola, skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita l-atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati biex issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ."

18. Din il-Qorti wkoll, f'deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Ottubru, 2016 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Massimiliano Gatt et spjegat illi: "Huwa minnu li n-nullità tal-atti ġudizzjarji tappartjeni għall-infanzja tad-dritt u hija aberranti għas-sistema legali tal-lum."

19. F'dan il-każ il-Qorti ma tarax li l-appellat ġie ppreġudikat fid-difiża tiegħu, għaliex fl-ittra uffiċjali inkwistjoni minflok tniżżel l-avviż indikat flartikolu 166 A (3), tniżżel l-avviż indikat fil-Liġi Sussidjarja 12.22, u għalhekk ma taqbilx li l-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjetà appellanta għandha titqies lli hija nulla u mingħajr ebda effett legali.'

Illi din il-Qorti rat li fil-kaz odjern jirrizulta li ghajr ghal kliem specifiku li jindika li d-debitrici setghet tipprezenta n-nota minghajr il-bzonn tal-firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, l-ittra ufficcjali ezekuttiva notifikata lilha kien fiha r-rekwiziti kollha li trid il-ligi u elenkat il-jeddijiet kollha tad-debitrici nkluz il-mezz li tipprovdi l-ligi sabiex il-pretensjoni tigi kontestata u t-terminu li fih dan seta' jsir. L-ittra lanqas teskludi li n-nota tista' tigi ffirmata mid-debitur. Fi kwalunkwe kaz minn imkien ma jirrizulta li kien dan l-allegat nuqqas li wassal lill-appellanti sabiex ma tiehux azzjoni u ma tikkontestax it-talba fi zmien

tletin jum minn notifika. Anzi se mai l-avviz fl-ittra ufficjali ezekuttiva in kwistjoni jaghmilha cara li kellha tiehu azzjoni fi zmien tletin gurnata u dan ghazlet li ma taghmlux. Din il-Qorti ghalhekk tqis li in vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ma ghandhiex xi zzid oltre dak deciz ukoll fid-decizjoni hawn fuq ikkwotata u filwaqt li taghmel dawk l-argument mressqa fiha bhala taghha ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel aggravju tal-appellanti.

9. Illi t-tieni aggravju tal-appellanti, in succint, isostni li l-ammont pretiz mill-appellata mhux minnu li huwa dejn cert, likwidu u li ghalaq kif jimponi l-artikolu 166A w'ghalhekk anki minn dan il-lat l-ittra ufficcjali *de quo* ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett. L-appellanti ssostni li l-appellata pprezentat biss stima tax-xoghlijiet w'ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-ammont huwa cert, likwidu u dovut b'dana li l-elementi tal-artikolu 166A m'humiex sodisfatti.

Illi l-ewwel Qorti qieset li minn dan il-lat ir-rikorrenti naqset ghaliex ma kkontestax il-pretensjoni fit-terminu mpost fuqha u stante li din hija procedura straordinarja *per conseguenza* l-appellanti tilfet il-jedd li tikkontesta l-pretensjoni kif dedotta fl-ittra ufficcjali ezekuttiva. Din il-Qorti taqbel ma' dan ir-ragunament. Ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lir-rikorrenti appellanti milli tikkontesta l-ammont bhala mhux certu, likwidu u dovut permezz tan-nota li tirrikjedi l-ligi fit-terminu mpost izda ghazlet li dan ma taghmlux. Ir-rikors appellat odjern sar ben oltre dak it-terminu w'ghalhekk il-Qorti tqis li dan huwa biss tentattiv fjakk sabiex ir-rikorrenti tipprova tikkontesta l-mertu wara li naqset milli taghmel dan skont il-ligi. Il-Qorti ser tghaddi ghalhekk sabiex tichad ukoll dan l-aggravju.

**Decizjoni**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' w'tiddeċiedi l-appell odjern billi t-tilqa' r-risposta tal-intimata appellata, tikkonferma *in toto* id-deċizjoni appellata u tgħaddi sabiex tiċħad l-aggravji u konsegwentement l-appell tar-rikorrenti appellanti.**

Bl-ispejjeż tal-appell ukoll kontra r-rikorrenti.

**Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Deputat**